**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 11 ta' Frar 2016**

**Pulizija**

**Spettur Rennie Stivala**

**Vs**

**Annabelle Monreal**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Annabelle Monreal, ta' 28 sena bint Martin u Rose Mary nee Busuttil, imwielda Piet, fit-18 ta' Mejju 1985 u toqghod f'Ocean Heights, Flat 9 A, Triq Piscopo Macedonia, Xemxija Heights, detentrici tal-karta tal-identita' numru 311185(M);

Talli f'xi granet, f'Mejju 2013, f'dawn il-Gzejjer:

1) Apprprjat ruhha, billi dawret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u li kienet giet fdata lilha minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minhabba

depositu necessarju, u cioe' hlasijiet ta' assikurazzjoni, ghad-dannu ta' Joseph u Andre Zahra b'valur li jaccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37)

2) U aktar talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex gieghlet jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamlet qligh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) ghad-dannu ta' Joseph u Andre Zahra;

3) U aktar talli, fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni u xjentement ghamlet uzu minn document iffalsifikat.

4) U aktar talli ikkommettiet reat waqt li kienet taht ordni ta' probation, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. E. Grima LLD nhar il-21 ta' Lulju 2011 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fit-30 ta' Lulju 2013 kien sar rapport mis-Sindku taz-Zurrieq fejn intalbet l-assistenza tal-Pulizija. Fl-ufficcju tal-Kunsill kien hemm certu Andre' Zahra ghan-nom tal-kumpanija Zahra Trading and Properties ltd. Dan qal li xi zmien qabel kien baghat impjegata tieghu, certu Annabel Monreal, b'xi flus kontanti u dokumenti sabiex il-kumpanija titfa' offerta ghal "tender" ta' xoghlijiet mal-istess Kunsill. Peress li kien ghadda z-zmien u ma kien sema' xejn aktar, mar hu fl-ufficcju tal-Kunsill u gie informat li ma kien hemm ebda offerta tal-kumpanija mal-Kunsill. Ghalhekk il-Pulizija baghtet ghal Annabel Monreal, l-imputata, u bdiet l-investigazzjonijiet taghha, fejn rat li gew falsifikati dokumenti in konnessjoni ma' dan il-kaz. F'Awwissu ta' dik l-istess sena inbdew dawn il-proceduri kontra l-imputata.

Il-Prosekuzzjoni ressqet diversi provi fil-kaz, liema provi ma gewx kontradettimill-imputata. Ir-rapport tal-okkorrenza jidhol fid-dettall ta' kif Annabel Monreal kienet tahdem ma' Zahra u hadet is-somma ta' tlitt elef Ewro (€3,000.00) fi flus kontanti biex jithallas "tender" ta' xoghlijiet, izda dan kien kollu makkinazzjoni taghha u l-flus hadithom hi. Xehdu Andre' Zahra u s-Sindku taz-Zurrieq, Ignatius Farrugia, li kkonfermaw li l-flus kellhom jintuzaw ghal xoghlijiet mal-Kunsill Lokali izda l-Kunsill ma kellu xejn. Giet esebita l-istqarrija tal-imputata, fejn hi spjegat dak kollu li kienet ghamlet, inkluz li holqot email fittizju tal-Kunsill Lokali taz-Zurrieq biex taghti x'tifhem lil ta' Zahra li x-xoghol kien ser jinghata lilhom. Xehdu wkoll persuni ohra li kollha kkorroboraw it-tezi tal-Prosekuzzjoni.

Minkejja li l-Qorti tat sena zmien lid-difiza biex tressaq xi provi jew tirregola ruhha, in vista li fil-mori tal-istess, l-imputata kienet hallset lil Zahra ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha, id-difiza m'ghamlet xejn minn dan.

Minghajr wisq dilungar, hu evidenti li l-imputata gieghlet lil ta' Zahra jemmnu li kien hemm xoghol b' "tender" mal-Kunsill Lokali taz-Zurrieq, u b'hekk hi wettqet frodi fl-ammont ta' tlitt elef Ewro. Biex aktar titwemmen, hi kkreat dokomenti foloz u email falza biex aktar taghti impressjoni li dak li kien qed isir kien kollu legittimu. Dan hu l-kaz klassiku ta' frodi b'ghemil qarrieqi, u l-uzu tad-dokumenti foloz kien intiz bhala mezz ghall-fini. L-imputata ghalhekk ghandha tinstab hatja tal-imputazzjonijiet kollha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 31, 189, 293, 294, 308 u 310(1)(a) Tal-Kap. 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni, u wara li rat li l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet huma alternattivi ghal xulxin, u t-tielet imputazzjoni tittratta mezz ghall-fini, qieghda tikkundannha ghall-piena ta' tlitt snin prigunerija.

Tastjeni milli tipprovdi dwar il-ksur tal-ordni ta' probation moghtija fil-21 ta' Lulju 2011.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**